Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ROXANNE TABONE) V. *OMISSIS* U *OMISSIS*

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Awwissu 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *Omissis* ta' 14-il sena, iben Christopher u Shirley Al Omar xebba Abela, mwieled nhar is- 7 ta` Awwissu 2007 gewwa tal-Pieta`, 102, Triq il-Bazilika, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 281707L ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Roxanne Tabone
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Mario Mifsud,

wara li rat li hija kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża nonostante illi l-imputat għadu ma' għalaqx l-eta ta' sittax-il sena u dan stante illi l-imputat tressaq ukoll flimkien ma' *Omissis* u ċioe persuna li għalqet sittax-il sena, ai termini tal-Art. 6(3) tal-Kap. 287 tal-Liġijiet ta' Malta,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

    1. Talli flimkien ma' *Omissis* nhar l-20 ta' Awwissu 2021, bejn l-għaxra u l-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22:00hrs u 22:30hrs), ġewwa Triq Ġuze` Pesci, L-

Iklin, bil-hsieb li jagħmlu delitt wrew dan il-ħsieb b`atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq minn fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBG-541 tal-għamla Volkswagen kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Maria Lucia Attard u/jew persuna/i ohra;

2. Talli waħdu, nhar it-18 ta' Awwissu 2021, u fil-ġranet ta` qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u ċioe' vettura bil-mutur tal-għamla Piaggio bin-numru tac-'chassis' ZAPM2600001000020, u b'numru tar-registrazzjoni STV180 li pero' kellu fuqu pjanċi bin-numru SHA600, liema mutur jiswa ħames mitt euro (€500);

3. Talli waħdu, fl-istess data, lok u ċirkostanzi msemmija fit-tieni imputazzjoni, saq vettura bil-mutur tal-għamla Piaggio bin-numru tac-'chassis' ZAPM2600001000020 u b'numru tar-registrazzjoni STV180 li pero' kellu fuqu pjanci bin-numru SHA600, b'mod traskurat, perikoluż u bla kont;

4. Talli waħdu, fl-istess data, lok u ċirkostanzi msemmija fit-tieni imputazzjoni, saq vettura bil-mutur tal-għamla Piaggio bin-numru tac-'chassis' ZAPM2600001000020 u b'numru tar-registrazzjoni STV180 li pero' kellu fuqu pjanci bin-numru SHA600, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita Kompetenti;

5. Talli waħdu, fl-istess data, lok u ċirkostanzi msemmija fit-tieni imputazzjoni, saq vettura bil-mutur tal-għamla Piaggio bin-numru tac-'chassis' ZAPM2600001000020 u b'numru tar-registrazzjoni STV180 li pero' kellu fuqu pjanci bin-numru SHA600, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita Kompetenti mingħajr ma kien kopert b'polza ta assigurazzjoni għal terzi;

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb il-liċenzji tas-sewqan għal perjodu preskritt mill-liġi. Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-ħati sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. L-imputat tressaq taħt arrest fis-seduta tat-22 ta' Awwissu 2021 meta dakinhar huwa wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Huwa kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu ċans jerġa jaħsibha u wara li kkonsulta l-avukat tiegħu.

4. F'dik is-seduta l-Qorti ordnat *ex-officio* ai termini tal-Art.6 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex id-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation jipprepara *pre-sentencing report*, qabel ma tgħaddi għas-sentenza. Din l-ordni ġiet sussegwentement revokata bil-kunsens tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2021.

5. Il-Qorti rat li hawn si tratta ta' persuna minuri li għada kemm għalqet erbatax -il sena. Mid-dokumenti sottomessi quddiemha u mit-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur u tal-Prosekuzzjoni, jirriżulta li l-minuri però ilu għal żmien konsiderevoli li qabad it-triq il-ħażina tant illi kemm il-darba ġie mwaqqaf mill-Pulizija waqt li kien qiegħed iwettaq illegalijtajiet, bil-Pulizija però tkun kostretta ma' tieħux passi kontrih stante illi kien għadu taħt l-eta' ta' tlettax-il sena. Jirriżulta illi l-minuri bħalissa qiegħed jieħu ħsiebu nannuh u dan fin-nuqqas tal-missier li jinsab assenti minħabba mar u fin-nuqqas ta' ommu li qegħda tiskonta piena karċerarja.

6. Huwa ċar  għall-Qorti li quddiemha għandha ġuvnott delinkwenti li jekk mhux ser jingħata **<u>l-għajnuna kollha neċessarja</u>** sabiex jaqleb il-folja, dan b'garanzija sejjer jintilef għall-ħajja ta' kriminalità. Anke bl-għajnuna kollha li jista' jingħata, l-Qorti tara li jrid ikun hemm sforz qawwi kemm min-naħa tal-Istat u kif ukoll min-naħa tal-minuri sabiex dan jaqbad it-triq it-tajba u jibqa' fiha. Irid ikun hemm sforz qawwi ukoll min-naħa tan-nannu tal-imputat, il-persuna li effettivament għandha l-kura u l-kustodja tal-minuri, u li fuqu l-Qorti sejra tkun kostretta titfa' piż konsiderevoli sabiex jiġi żgurat li l-imputat jieħu l-għajnuna kollha neċessarja.

7. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li għalhekk jkun idoneju illi minflok tinfliġġi piena hija toħroġ ordni ta' *probation* u ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat.

8. Finalment il-Qorti ma' tistax ma' turix l-apprezzament u l-ammirazzjoni tagħha lejn l-Uffiċjali Prosekutur u l-avukat difensur għall-lealtà u r-responsabiltà kbira li wrew b'għemilhom u għad-determinazzjoni tagħhom li l-imputat jingħata l-għajnuna kollha possibbli fiċ-ċirkostanzi.

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu (Artikoli 41, 261(f)(ġ), 270, 271(ġ), 281(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta) qegħda minflok tinfliġġi piena karċerarja tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi:**

   1. **tagħmel ordni ta' *probation* fil-konfront tal-ħati fis-sens li dan qed jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijiet annessi,**

   2. **toħroġ ukoll ordni ta' trattament fil-konfront tal-ħati għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijiet annessi.**

   **Qabel ma' ħarġet dawn l-ordnijiet, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li huwa jifhem l-effett tagħhom u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet relattivi (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali relattivi) jew jwettaq xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati fl-ordnijiet msemmija.**

   **Għal kull bwon fini l-Qorti m'hijiex ser toħroġ ordni għall-ħlas ta' spejjeż ta' esperti peress li l-ebda espert ma' ġie maħtur mill-Qorti f'dawn il-proċeduri. Inoltre, minkejja li ai termini tal-Art. 15(2) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta huwa tassattiv illi f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat milli jżomm jew jottjeni l-liċenzji kollha tas-sewqan tiegħu għall-perjodu preskritt mill-liġi, madanakollu bl-applikazzjoni tal-Art. 25(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda twarrab is-sejbien ta' ħtija u b'hekk ma' timponi l-ebda skwalifka f'dan ir-rigward.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur